MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 77/2009

**Anna Spiteri**

**-vs-**

**Eleno *sive* Lino Cassar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Jannar 2009 li permezz tiegħu l-attiċi ppremettiet:

Illi hija tikri lill-intimat il-*garage* mingħajr numru li jismu Blackstead Garage li jagħti għal *drive-in* li jiżbokka fi Triq il-Kbira, Naxxar skond skrittura privata tal-10 ta’ Lulju 2007 versu l-kera ta’ €13.98 ekwivalenti għal Lm6 kuljum.

Illi l-intimat għandu jħallas il-kera mit-28 ta’ Ottubru 2008 ’il quddiem u *inoltre*, hemm arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma li sa Novembru 2008 kienu jammontaw għal €445.17.

Illi permezz ta’ ittra uffiċjali tal-25 ta’ Novembru 2008 l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex iħallas €500 rappreżentanti l-arretrati tal-kera dovuta sa dak iż-żmien kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma liema ittra uffiċjali ġiet notifikata fit-30 ta’ Diċembru 2008.

Illi skond l-imsemmija skrittura privata, klawsola numru 11 f’każ ta’ morożita’ fil-ħlas tal-kera ta’ ġimgħatejn jew ammont ekwivalenti jew f’każ ta’ vjolazzjoni ta’ xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim, il-lokazzjoni tiġi terminata mis-sid basta illi l-ewwel tintbagħat ittra uffiċjali lill-inkwilin li jkollu żmien tlett ġimgħat minn notifika sabiex huwa jirrimedja n-nuqqas u l-istess lokazzjoni tiġi terminata *ipso facto* malli jgħaddi tali terminu kemm-il darba jkun baqa’ moruz u / jew inadempjenti.

Illi effettivament l-intimat ma ħallas xejn u għalhekk avverat ruħha l-kundizzjoni fuq imsemmija u l-lokazzjoni ntemmet *ipso facto* fl-20 ta’ Jannar 2009.

Illi l-intimat għadu jokkupa l-fond in kwistjoni li għalhekk qiegħed jokkupa l-istess fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta’ l-Artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura ċivili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss sabiex jiżgombra mill-*garage* li jismu Blackstead Garage li jagħti għall-*drive* in li jiżbokka fi Triq il-Kbira, Naxxar; u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attiċi s-somma ta’ €1,188 rappreżentanti l-kera dovuta mit-8 ta’ Ottubru 2008 sal-20 ta’ Jannar 2009 kif ukoll is-somma ta’ €445.87 rappreżentanti arretrati tad-dawl u ilma sa Novembru 2008.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u bl-interessi mill-25 ta' Novembru 2008 u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attiċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u dan *nonostante* l-fatt li ngħata l-opportunita' biex jagħmel dan u għalhekk huma kontumaċi skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' April 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attriċi billi:**

**1. Tikkundanna lill-konvenut jiżgombra mill-fond imsemmi fir-rikors fi żmien tlett xhur;**

**2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' elf, mija u tmienja u tmenin Ewro (€1,188) u erba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€445.87) għar-raġunijiet indikati fir-rikors.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------